# Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

19 ta' Lulju 2016*

[Test rettifikat b'digriet tat-30 ta' Settembru 2016]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Validità u interpretazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar il-banek — Interpretazzjoni tad-Direttivi 2001/24/KE u 2012/30/UE — Għajnuna mill-Istat lill-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja — Qsim tal-piżijiet — Likwidazzjoni tal-kapital tal-azzjonisti, ta' kapital ibridu u ta' dejn subordinat — Prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi — Dritt ta' proprjetà — Protezzjoni tal-interessi ta' membri u ta' terzi — Riorganizzazzjoni u stralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu"

Fil-Kawża C-526/14,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Ustavno sodišče (qorti kostituzzjonali, is-Slovenja), permezz ta' deċiżjoni tas-6 ta' Novembru 2014, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Novembru 2014, fil-proċedura

**Tadej Kotnik *et,***

**Jože Sedonja *et,***

**Fondazione cassa di risparmio di Imola,**

**Andrej Pipuš *et,***

**Tomaž Štrukelj,**

**Luka Jukič,**

**Angel Jaromil,**

**Franc Marušič *et,***

**Stajka Skrbinšek,**

**Janez Forte *et,***

**Državni svet Republike Slovenije,**

**Varuh človekovih pravic Republike Slovenije,**

**Igor Karlovšek,**

* Lingwa tal-kawża: is-Sloven.

**Marija Karlovšek,**

**Janez Gosar**

vs

**Državni zbor Republike Slovenije,**

fil-preżenza ta':

**Vlada Republike Slovenije,**

**Banka Slovenije,**

**Okrožno sodišče v Ljubljani,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

komposta minn K. Lenaerts, President, A. Tizzano, Viċi President, R. Silva de Lapuerta, T. von Danwitz, J. L. da Cruz Vilaça (Relatur), A. Arabadjiev, C. Toader u D. Šváby, Presidenti ta' Awla, M. Safjan, M. Berger, E. Jarašiūnas, C. G. Fernlund u C. Vajda, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Wahl,

Reġistratur: M. Aleksejev, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-1 ta' Diċembru 2015,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal T. Kotnik *et*, minn M. Kunič u J. Sladič, odvetniki,

— għal J. Sedonja *et*, minn T. Kek, odvetnica,

— għall-Fondazione cassa di risparmio di Imola, minn U. Ilić, M. Jan, B. Ilić, A. Arko, odvetniki, P. Trifoni, C. G. Sinatra u G. Altomare, avukati,

— għal A. Pipuš *et*, minnu stess, avukat,

— għal L. Jukič, minnu stess,

— għal F. Marušič *et*, minn B. Rejc, odvetnik,

— għal S. Skrbinšek, minn T. Bromše, odvetnik,

— għal J. Forte *et*, minn Z. Fritz,

— għad-Državni svet Republike Slovenije, minn M. Bervar, assistit minn H. Butolen, odvetnica, kif ukoll minn B. Kekec, J. Slivšek u D. Štrus,

— għall-konjuġi I. u M. Karlovšek *et*, minn I. Karlovšek, odvetnik,

— għal J. Gosar, minnu stess,

— għad-Državni zbor Republike Slovenije, minn M. Brglez,

— għall-Banka Slovenije, minn B. Jazbec, assistit minn R. Grilc odvetnik, u T. Lübbig, Rechtsanwalt,

— għall-Gvern Sloven, minn V. Klemenc u T. Mihelič Žitko, bħala aġenti,

— [Kif rettifikat b'digriet tat-30 ta' Settembru 2016] għall-Irlanda, minn E. Creedon u L. Williams kif ukoll minn A. Joyce, bħala aġenti, assistiti minn E. McCullough, SC, u minn A. O'Neill, BL,

— għall-Gvern Spanjol, minn A. Rubio González, bħala aġent,

— għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn P. Gentili, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Flynn, P. J. Loewenthal, K.-Ph. Wojcik u M. Žebre, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-18 ta' Frar 2016,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni u l-validità tal-punti 40 sa 64 tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ("Komunikazzjoni dwar il-banek") (ĠU C 216, p. 1), kif ukoll l-interpretazzjoni tal-Artikoli 29, 34, 35 u 40 sa 42 tad-Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU L 315, p. 74), u tas-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' April 2001, fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 4, p. 15).

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' proċedura ta' stħarriġ tal-kostituzzjonalità ta' ċerti dispożizzjonijiet taż-Zakon o bančništvu (liġi dwar il-banek), tat-23 ta' Novembru 2006 fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-proċeduri fil-kawża prinċipali (Uradni list RS, Nru 99/10), (iktar 'il quddiem il-"liġi dwar il-banek"), li tipprevedi miżuri eċċezzjonali intiżi għall-irkupru tas-sistema bankarja.

**Il-kuntest ġuridiku**

*Id-dritt tal-Unjoni*

Id-Direttiva 2001/24

3 Il-premessi 5 u 6 tad-Direttiva 2001/24 huma redatti kif ġej:

"(5) L-adozzjoni tad-Direttiva 94/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 fuq skemi ta' garanzija ta' depożitu [ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 2, p. 252] li introduċiet il-prinċipju ta' sħubija obbligatorja mill-istituzzjonijiet ta' kreditu ta' skema ta' garanzija fl-Istati Membri ta' oriġini, joħroġ aktar ċar il-bżżonn għar-rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni u proċeduri ta' l-istralċ.

(6) L-awtoritajiet amministrattivi u ġudizzjarji ta' l-Istat Membru ta' oriġini għandhom ikollhom is-setgħa waħedhom li jiddeċiedu u jimplimentaw il-miżuri ta' riorganizzazzjoni provduti fil-liġi u l-prattiċi fis-seħħ f'dak l-Istat Membru. Minħabba d-diffikultà li jkunu armonizzati l-liġijiet u l-prattiki ta' l-Istati Membri, huwa meħtieġ li jkun stabbilit rikonoxximent reċiproku minn Stati Membri tal-miżuri meħuda minnhom kollha biex jerġgħu jsiru vijabbli l-istituzzjonijiet ta' kreditu li tkun aworizzat."

4 Konformement mas-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24 (6), miżuri ta' riorganizzazzjoni għandhom ifissru "miżuri li huma maħsuba biex jippreservaw jew iġibu lura s-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu u li tista' taffettwa d-drittijiet pre-eżistenti ta' terzi, inkluż miżuri li jinvolvu l-possibbiltà ta' sospensjoni ta' ħlasijiet, sospensjoni ta' miżuri ta' infurżar jew tnaqqis ta' talbiet".

Id-Direttiva 2012/30

5 Il-premessi 3 u 5 tad-Direttiva 2012/30 huma redatti kif ġej:

"(3) […] sabiex protezzjoni minima indaqs tiġi assigurata kemm għal azzjonisti u kemm għal kredituri ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata, l-koordinazzjoni ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jirreferixxu għall-formazzjoni tagħhom u għaż-żamma, żjieda jew tnaqqis tal-kapital tagħhom hija partikolarment importanti;

[...]

(5) Dispożizzjonijiet fl-Unjoni — huma meħtieġa biex jinżamm il-kapital, li jikkostitwixxi s-sigurtà tal-kredituri, b'mod partikolari billi ma jippermettux it-tnaqqis tiegħu bit-tqassim lill-azzjonisti meta dawn ta; l-aħħar ma għandhomx dritt għalih u billi jimponu limiti fuq id-dritt tal-kumpannija li takkwista l-azzjonijiet tagħha stess."

6 L-Artikolu 29(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"Kull żieda fil-kapital għandha tiġi deċiża mil-laqgħa ġenerali. [...]"

7 L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 34 ta' din id-direttiva jiddisponi:

"Kull tnaqqis fil-kapital sottoskritt, ħlief skond ordni tal-qorti, għandu jkun suġġett għall-inqas għal deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali […]"

8 Skont l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2012/30, "[m]eta hemm diversi klassijiet ta' ishma, id-deċiżjoni mil-laqgħa ġenerali dwar tnaqqis fil-kapital sottoskritt għandha tkun suġġetta għal vot separat, għall-inqas għal kull klassi ta' azzjonisti li l-jeddijiet tagħhom jintlaqtu mit-transazzjoni".

9 L-Artikolu 40(1)(b) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"Meta l-liġijiet ta' Stat Membru jistgħu jippermettu li kumpanniji jnaqqsu l-kapital sottoskritt tagħhom b'irtirar obbligatorju ta' ishma, huma għandhom jeħtieġu li għall-inqas jiġu mħarsa l-kondizzjonijiet li ġejjin:

[...]

b) meta l-irtirar obbligatorju huwa sempliċiment awtorizzat mill-istatuti jew l-atti ta' inkorporazzjoni, dan għandu jiġi deċiż mil-laqgħa ġenerali sakemm ma jkunx gie approvat b'mod unanimu mill-azzjonisti kkonċernati."

10 L-Artikolu 41(1) tal-imsemmija direttiva jistipula:

"Fil-każ ta' tnaqqis fil-kapital sottoskritt bl-irtirar ta' ishma akkwistati mill-kumpannija nnifisha jew minn persuna li taġixxi f'isimha stess iżda fl-interess tal-kumpannija, l-irtirar għandu jkun dejjem deċiż mil-laqgħa ġenerali."

11 L-Artikolu 42 tal-istess direttiva jipprovdi li:

"Fil-każijiet koperti mill-[...] punt (b) Artikolu 40(1) [...] meta hemm diversi klassijiet ta' ishma, id-deċiżjoni mil-laqgħa ġenerali dwar fidwa tal-kapital sottoskritt jew it-tnaqqis tiegħu bl-irtirar ta' ishma għandha tkun suġġetta għal vot separat, għall-inqas għal kull kategorija ta' azzjonisti li d-drittijiet tagħhom jintlaqtu mit-transazzjoni."

Id-Direttiva 2014/59/UE

12 Id-Direttiva 2014/59/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Mejju 2014, li tistabbilixxi qafas għall-irkupru u r-riżoluzzjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti ta' investiment u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 82/891/KEE u d-Direttivi 2001/24/KE, 2002/47/KE, 2004/25/KE, 2005/56/KE, 2007/36/KE, 2011/35/UE, 2012/30/UE u 2013/36/UE, u r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU 2014, L 173, p. 190), ġiet adottata fil-15 ta' Mejju 2014.

13 L-Artikolu 117 tad-Direttiva 2014/59 emenda, b'mod partikolari, id-definizzjoni ta' "miżuri ta' riorganizzazzjoni" li kienet tinsab fis-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24. Wara din l-emenda, il-miżuri ta' riorganizzazzjoni għandhom jinftiehmu bħala "miżuri li huma maħsuba sabiex jippreservaw jew ireġġgħu lura s-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu jew ditta ta' investiment kif definiti fl-Artikolu 4(1), il-punt (2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u li jistgħu jaffettwaw id-drittijiet preżistenti ta' parijiet terzi, inklużi l-miżuri li jinvolvu l-possibbiltà ta' sospensjoni ta' pagamenti, is-sospensjoni ta' miżuri ta' infurzar jew it-tnaqqis ta' pretensjonijiet; dawk il-miżuri jinkludu l-applikazzjoni tal-għodod tar-riżoluzzjoni u l-eżerċizzju tas-setgħat ta' riżoluzzjoni previsti fid-Direttiva 2014/59/UE".

14 L-Artikolu 130(1) tad-Direttiva 2014/59/KE jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux iktar tard mill-4 ta' Diċembru 2014, il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex ikunu f'konformità ma' din id-Direttiva. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk il-miżuri lill-Kummissjoni.

L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn il-miżuri mill-1 ta' Jannar 2015.

Madankollu, l-Istati Membri għandhom japplikaw dispożizzjonijiet adottati sabiex jikkonformaw mat-Taqsima 5 tal-Kapitolu IV tat-Titolu IV mill-1 ta' Jannar 2016 l-aktar tard."

Il-Komunikazzjoni dwar il-banek

15 Il-punti 2 u 3 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek jistipulaw:

"2. Il-Komunikazzjonijiet dwar il-Kriżijiet jipprovdu qafas komprensiv għal azzjoni kkoordinata b'appoġġ għas-settur finanzjarju, sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà finanzjarja waqt li jkunu minimizzati d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni bejn il-banek kif ukoll fl-Istati Membri fis-suq uniku. Huma jiddefinixxu l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-għajnuna mill-Istat u r-rekwiżiti li jeħtieġ li jiġu żgurati sabiex din l-għajnuna tkun kompatibbli mas-suq intern skont il-prinċipji dwar l-għajnuna mill-Istat stabbiliti fit-Trattat. Permezz tal-Komunikazzjonijiet dwar il-Kriżijiet ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jirregolaw l-assistenza pubblika għas-settur finanzjarju ġew aġġornati regolarment fejn kien meħtieġ sabiex jiġu adattati skont l-evoluzzjoni tal-kriżi. Il-Komunikazzjonijiet dwar il-Kriżijiet jeħtieġu aġġornament ulterjuri minħabba żviluppi reċenti.

3. Il-Komunikazzjonijiet dwar il-Kriżijiet kif ukoll id-deċiżjonijiet individwali kollha dwar miżuri u skemi ta' għajnuna li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-Komunikazzjonijiet, kienu adottati abbażi tal-Artikolu 107(3)(b) tat-Trattat, li b'mod eċċezzjonali jipprevedi biex l-għajnuna tirrimedja taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru."

16 Il-punt 15 ta' din il-komunikazzjoni jaqra' kif ġej:

"Il-Komunikazzjonijiet dwar il-Kriżijiet b'mod ċar jiddikjaraw li anke matul il-kriżi, il-prinċipji ġenerali tal-kontroll fuq l-għajnuna mill-Istat jibqgħu applikabbli. B'mod partikolari, sabiex jiġu limitati d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni bejn il-banek u l-Istati Membri fis-suq uniku kif ukoll jiġi indirizzat il-periklu morali, l-għajnuna għandha tkun limitata għall-minimu neċessarju u l-benefiċjarju tal-għajnuna jrid jipprovdi kontribuzzjoni proprja għall-ispejjeż ta' ristrutturar. Il-bank u d-detenturi tal-kapital tiegħu jridu jikkontribwixxu kemm jista' jkun għar-ristrutturar bir-riżorsi proprji tagħhom. Is-sostenn mill-Istat irid jingħata fuq termini li jirrappreżentaw il-qsim xieraq tal-piżijiet ma' dawk li investew fil-bank."

17 Il-punt 17 tal-imsemmija komunikazzjoni jipprovdi:

"Fl-ewwel fażijiet tal-kriżi, l-Istati Membri ġeneralment ma marrux lil hinn mir-rekwiżiti minimi stipulati mir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-qsim tal-piżijiet *ex ante*, u l-kredituri ma kinux meħtieġa jikkontribwixxu biex jiġu salvati l-istituzzjonijiet ta' kreditu għal raġunijiet ta' stabbiltà finanzjarja."

18 Il-parti 3 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek hija dwar il-miżuri ta' rikapitalizzazzjoni u ta' salvataġġ ta' assi danneġġjati. It-titolu 3.1.2. tiegħu, intitolat "Il-qsim tal-piżijiet mill-azzjonisti u mill-kredituri subordinarji [subordinati]", jinkludi l-punti 40 sa 46 ta' din il-komunikazzjoni.

19 Il-punti 40 u 46 ta' din il-komunikazzjoni jipprovdu:

"40. L-appoġġ mill-Istat jista' joħloq periklu morali u jdgħajjef id-dixxiplina tas-suq. Sabiex jitnaqqas il-periklu morali, l-għajnuna għandha tingħata biss fuq termini li jinvolvu qsim tal-piżijiet adegwat minn investituri eżistenti.

41. Il-qsim tal-piżijiet adegwat normalment jinvolvi, wara li t-telf l-ewwel jiġi assorbit mill-ekwità, kontribuzzjonijiet minn detenturi ta' kapital ibridu u minn detenturi tad-dejn subordinat. Id-detenturi ta' kapital ibridu u tad-dejn subordinat iridu jikkontribwixxu biex inaqqsu n-nuqqas fil-kapital kemm jista' jkun possibbli. Dawn il-kontribuzzjonijiet jistgħu jieħdu l-forma ta' konverżjoni għal Grad 1 [...], jew billi jseħħ tnaqqis fil-valur tal-istrumenti ewlenin. Fi kwalunkwe każ, il-ħruġ ta' flus mingħand il-benefiċjarju għad-detenturi ta' dawn it-titoli irid jiġi evitat sakemm ikun legalment possibbli.

42. Il-Kummissjoni mhux se teħtieġ kontribuzzjoni minn detenturi tad-dejn superjuri (b'mod partikolari minn depożiti assigurati, depożiti mhux assigurati, bonds u dejn superjuri) bħala komponent obbligatorju għall-qsim tal-piżijiet skont ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, la permezz tal-konverżjoni f'kapital u lanqas permezz ta' tniżżil fil-valur tal-istrumenti.

43. Fejn il-proporzjon tal-kapital, tal-Bank li għandu identifikat nuqqas fil-kapital, jibqa' ogħla mil-livell minimu regolatorju tal-[Unjoni], il-Bank għandu normalment ikun kapaċi jtejjeb il-pożizzjoni tal-kapital bil-mezzi tiegħu stess, b'mod partikolari permezz ta' miżuri għaż-żieda tal-kapital skont kif stabbilit fil-punt 35. Jekk m'hemmx possibilitajiet oħra, inkluża kull azzjoni superviżorja oħra bħalma huma miżuri ta' intervent bikri jew azzjonijiet ta' rimedju oħrajn, sabiex jingħeleb in-nuqqas ikkonfermat mill-awtorità superviżorja jew tar-riżoluzzjoni kompetenti, f'dan il-każ id-dejn subordinat għandu jiġi kkonvertit f'ekwità, fil-prinċipju qabel tingħata l-għajnuna mill-Istat.

44. F'każijiet fejn il-bank ma jibqax jilħaq ir-rekwiżiti regolatorji minimi ta' kapital, id-dejn subordinat irid jiġi kkonvertit jew jitnaqqas, fil-prinċipju, qabel tingħata l-għajnuna mill-Istat. L-għajnuna mill-Istat ma għandhiex tingħata qabel mal-ekwità, il-kapital ibridu u d-dejn subordinat ikunu kkontribwew bis-sħiħ sabiex jiġi kkumpensat kwalunkwe telf.

45. Tista' ssir eċċezzjoni għar-rekwiżiti tal-punti 43 u 44, meta l-implimentazzoni ta' dawn il-miżuri tista' tipperikola l-istabbiltà finanzjarja jew twassal għal riżultati sproporzjonati. Din l-eċċezzjoni tista' tkopri każijiet fejn l-ammont tal-għajnuna li l-bank għandu jirċievi ikun żgħir meta mqabbel mal-assi tal-bank bil-piż differenzjat skont ir-riskju u n-nuqqas fil-kapital ikun tnaqqas b'mod sinifikanti, b'mod partikolari permezz ta' miżuri għaż-żieda tal-kapital skont kif stabbilit fil-punt 35. Jistgħu jiġu indirizzati wkoll ir-riżultati sproporzjonati jew ir-riskju għall-istabbiltà finanzjarja billi jiġi kkonsidrat mill-ġdid is-sekwenzjar tal-miżuri li jindirizzaw in-nuqqas fil-kapital.

46. Fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-punti 43 u 44, irid jinżamm 'il-prinċipju li l-ebda kreditur ma jmur għall-agħar' [...]. Għalhekk, kredituri subordinarji m'għandhomx jirċievu inqas f'termini ekonomiċi minn dak li l-istrument tagħhom kien ikun jiswa li kieku l-ebda għajnuna mill-Istat ma kellha tingħata."

*Id-dritt Sloven*

20 L-Artikolu 253(3) tal-Liġi dwar il-banek jipprovdi li "l-miżuri straordinarji għandhom jagħmlu parti mill-miżuri ta' riorganizzazzjoni pprovduti mid-Direttiva 2001/24/KE".

21 L-Artikolu 261a ta' din il-liġi jipprovdi:

"(1) Bid-deċiżjoni tiegħu li jeżiġi miżuri straordinarji l-Bank tas-Slovenja għandu jipprovdi li:

1. obbligazzjonijiet eliġibbli jitħassru jew jitniżżel il-valur tagħhom,

2. il-konverżjoni totali jew parzjali ta' obbligazzjonijiet eliġibbli tal-banek [...] f'azzjonijiet ordinarji ġodda ta' bank abbażi fuq il-bażi ta' żieda fil-kapital azzjonarju ta' dan il-bank permezz ta' kontribuzzjonijiet mhux monetarji fil-forma ta' krediti li jikkostiwixxu obbligazzjonijiet eliġibbli.

[...]

(5) Meta jħassar jew jikkonverti l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-bank, il-Bank tas-Slovenja għandu jkun issodisfatt li kredituri individwali ma jbatux, bħala riżultat tat-tħassir jew tal-konverżjoni tal-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-bank, telf ikbar li kienu jbatu li kieku l-bank kellu jkun insolventi.

(6) L-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-bank huma rrappreżentati minn:

1. il-kapital bażiku tal-bank (obbligazzjonijiet ta' klassi I);

2. l-obbligazzjonijiet relatati ma' detenturi ta' strumenti finanzjarji ibridi (obbligazzjonijiet ta' klassi II),

3. l-obbligazzjonijiet relatati ma' detenturi ta' strumenti finanzjarji li, [...] għandhom jitqiesu fil-kalkolu tal-kapital addizzjonali tal-bank, sakemm tali obbligi ma jkunux diġà inklużi fid-definizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1 jew 2 ta' dan il-paragrafu (obbligazzjonijiet ta' klassi III);

4. l-obbligazzjonijiet mhux inklużi fid-definizzjonijiet stabbiliti fil-punti 1, 2 jew 3 ta' dan il-paragrafu, li, f'każ ta' proċeduri ta' insolvenza fir-rigward tal-bank, jitħallsu wara l-ħlas ta' djun mhux ipprivileġġati (obbligazzjonijiet ta' klassi IV)."

22 Skont l-Artikolu 261c tal-liġi dwar il-banek:

"(1) Fid-deċiżjoni tiegħu dwar it-tħassir ta' obbligazzjonijiet eliġibbli […] il-Bank tas-Slovenja għandu jeżiġi li l-obbligazzjonijiet eliġibbli tal-bank jitħassru sa fejn ikun meħtieġ biex jiġi kopert it-telf tal-bank, fid-dawl tal-valutazzjoni tal-assi netti kif imsemmi fl-artikolu preċedenti. [...]"

**Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

23 Wara l-kriżi finanzjarja dinjija, li bdiet matul l-2007 u li marret għall-agħar fis-snin ta' wara, il-Banka Slovenije (bank ċentrali tas-Slovenja, is-Slovenja) ikkonstatat, f'Settembru 2013, li ħames banek Sloveni, jiġifieri Nova Ljubljanska banka d.d., Nova Kreditna banka Maribor d.d., Abanka Vipa d.d., Probanka d.d. u Factor banka d.d., kellhom nuqqas fil-kapital tagħhom. Minħabba l-kobor ta' dan in-nuqqas, dawn il-banek ma kellhomx assi biżżejjed sabiex jissodisfaw il-kredituri tagħhom u jkopru l-valur tad-depożiti.

24 Fis-17 ta' Diċembru 2013, il-Bank Ċentrali tas-Slovenja adotta deċiżjonijiet li jdaħħlu miżuri straordinarji għar-rikapitalizzazzjoni tal-ewwel żewġ banek, ta' salvataġġ tat-tielet wieħed kif ukoll ta' stralċ tal-aħħar wieħed (iktar 'il quddiem il-"miżuri inkwistjoni").

25 Fit-18 ta' Diċembru 2013, il-Kummissjoni Ewropea awtorizzat għajnuna mill-Istat lill-ħames banek inkwistjoni, li kienu ġew innotifikati minn qabel mill-awtoritajiet Sloveni.

26 Il-miżuri inkwistjoni, li ġew adottati abbażi tal-Liġi dwar il-banek, b'mod partikolari l-Artikoli 261a sa 261c u 261e, kienu jinkludu l-likwidazzjoni tal-kapital tal-azzjonisti, kif ukoll kapital ibridu u dejn subordinat (iktar 'il quddiem id-"dejn subordinat").

27 Mill-fajl ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li d-dejn subordinat huwa kkostitwit minn strumenti finanzjarji li għandhom karatteristiċi simili għal dawk ta' prodotti tad-dejn u ta' ishma fil-kapital. Fil-każ ta' insolvenza jew ta' stralċ tal-entità emittenti, id-detenturi ta' dejn subordinat (iktar

'il quddiem il-"kredituri subordinati") jitħallsu wara d-detenturi ta' obbligazzjonijiet ordinarji, iżda qabel l-azzjonisti. Bħala korrispettiv tar-riskju finanzjarju b'hekk meħud mid-detenturi tagħhom, dawn l-istrumenti finanzjarji jkollhom qligħ ogħla.

28 L-Ustavno sodišče (qorti kostituzzjonali, is-Slovenja) ġiet adita b'diversi talbiet għal stħarriġ ta' kostituzzjonalità mressqa, minn naħa, minn individwi kif ukoll, min-naħa l-oħra, mid-Državni svet Republike Slovenije (kunsill tal-istat, is-Slovenja) u l-Varuh človekovih pravic Republike Slovenije (difensur tad-drittijiet tal-bniedem, is-Slovenja). Dawn it-talbiet kienu jirrigwardaw il-konformità tad-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar is-settur bankarju, li fuq il-bażi tagħhom ġew adottati l-miżuri inkwistjoni, mal-Kostituzzjoni Slovena, b'mod partikolari mal-prinċipji ta' non-retroattività, ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u ta' proporzjonalità, kif ukoll mad-dritt ta' proprjetà.

29 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar il-banek għandhom l-għan li jittrasponu fid-dritt nazzjonali l-Komunikazzjoni dwar il-banek, sabiex jippermettu lill-awtoritajiet nazzjonali jagħtu lill-impriżi ta' dan is-settur għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern. Konsegwentement, skont il-qorti tar-rinviju, għalkemm l-ilmenti tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali huma diretti kontra dawn id-dispożizzjonijiet, huma fil-fatt jirrigwardaw il-Komunikazzjoni dwar il-banek. Dawn ir-rikorrenti jqisu li din il-komunikazzjoni tikser mhux biss il-Kostituzzjoni Slovena, iżda wkoll l-Artikolu 17 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") kif ukoll id-Direttivi 2012/30 u 2001/24. Il-qorti tar-rinviju tqis li għandha ġurisdizzjoni sabiex tevalwa l-kostituzzjonalità ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplementaw direttiva. Madankollu, hija tqis li dan ma huwiex il-każ meta jkun hemm dubju dwar l-interpretazzjoni jew il-validità tar-regola ta' dritt tal-Unjoni li sservi bħala bażi legali għad-dispożizzjoni nazzjonali li l-kostituzzjonalità tagħhom hija kkontestata. F'tali sitwazzjoni, hija tispjega li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha ġurisdizzjoni esklużiva sabiex twieġeb domandi relatati mal-validità u mal-interpretazzjoni ta' din ir-regola, sabiex sussegwentement tkun tista' tevalwa, fil-kawża li għandha quddiemha, il-kostituzzjonalità tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali.

30 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-Ustavno sodišče (qorti kostituzzjonali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Il-Komunikazzjoni dwar il-banek tista', fid-dawl tal-effetti legali prodotti konkretament minn din tal-aħħar peress li, skont l-Artikolu 3(1)(b) [TFUE], l-Unjoni [...] għandha kompetenza esklużiva fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat u peress li, skont l-Artikolu 108 [TFUE], il-Kummissjoni għandha kompetenza deċiżjonali fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, tiġi interpretata fis-sens li din għandha effetti vinkolanti fil-konfront tal-Istati Membri li jkunu jixtiequ jirrimedjaw taqlib serju fl-ekonomija billi jagħtu għajnuna mill-Istat lil stabbilimenti ta' kreditu, meta din l-għajnuna tkun ta' natura permanenti u ma tkunx tista' titħassar faċilment?

2) Il-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek, li jissuġġettaw il-possibbiltà li tingħata għajnuna mill-Istat li jkollha l-għan li tirrimedja taqlib serju fl-ekonomiija ta' Stat, għall-eżekuzzjoni tal-obbligu ta' annullament tal-kapital, [tad-dejn subordinat] u/jew ta' konverżjoni f'kapital [tad-dejn subordinat] bil-għan li l-għajnuna tiġi llimitata għall-minimu neċessarju fid-dawl tal-ħtieġa li jittieħed inkunsiderazzjoni l-periklu morali, huma inkompatibbli mal-Artikoli 107, 108 u 109 [TFUE] peress li dawn imorru lil hinn mill-kompetenzi tal-Kummissjoni li huma ddefiniti permezz tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar 'il fuq tat-Trattat [FUE] dwar l-għajnuna mill-Istat?

3) F'każ li t-tieni domanda tingħata risposta negattiva, il-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek, li jissuġġettaw il-possibbiltà li tingħata għajnuna mill-Istat għall-obbligu ta' annullament tal-kapital u/jew ta' konverżjoni f'kapital sa fejn dan l-obbligu jikkonċerna azzjonijiet (kapital), [dejn subordinat] li nħarġu qabel il-pubblikazzjoni tal-Komunikazzjoni dwar il-banek u li

fil-mument tal-ħruġ tagħhom setgħu jiġu llikwidati totalment jew parzjalment mingħajr rimbors sħiħ biss f'każ ta' falliment tal-bank, huma konformi mal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea?

4) F'każ li t-tieni domanda tingħata risposta negattiva, u r-risposta għat-tielet domanda tkun pożittiva, il-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek li jissuġġettaw il-possibbiltà li tingħata għajnuna mill-Istat għall-obbligu ta' annullament [tad-dejn subordinat] u/jew ta' konverżjoni f'kapital [tad-dejn subordinat] mingħajr ma tinbeda u tingħalaq il-proċedura ta' falliment li fil-kuntest tagħha l-beni tad-debitur jiġu llikwidati permezz ta' proċedura ġudizzjarja li fiha d-detenturi tal-istrumenti finanzjarji subordinati jkollhom l-opportunità li jkunu partijiet fil-proċedura, huma konformi mad-dritt għall-proprjetà skont l-Artikolu 17(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea?

5) F'każ li t-tieni domanda tingħata risposta negattiva, u r-risposta għat-tielet u r-raba' domandi tkun pożittiva, il-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek li jissuġġettaw il-possibbiltà li tingħata għajnuna mill-Istat għall-obbligu ta' annullament tal-kapital u/jew ta' konverżjoni f'kapital [tad-dejn subordinat] u/jew ta' konverżjoni f'kapital tal-istrumenti ta' kapital ibridu u tal-istrumenti ta' dejn subordinat, imorru kontra l-Artikoli 29, 34 u 35 kif ukoll l-Artikoli 40 sa 42 tad-[Direttiva 2012/30], peress li l-implementazzjoni ta' dawn il-miżuri tirrikjedi t-tnaqqis u/jew iż-żieda tal-kapital azzjonarju tal-kumpannija b'responsabbiltà limitata abbażi ta' deċiżjoni tal-organu uffiċjali kompetenti u mhux tal-laqgħa ġenerali tal-kumpannija?

6) Il-Komunikazzjoni dwar il-banek tista', fid-dawl tal-punt 19 tagħha u b'mod partikolari r-rekwiżit previst f'dan il-punt li jiġu ggarantiti d-drittijiet fundamentali, tal-punt 20 tagħha u tal-obbligu ta' prinċipju, inkluż fil-punti 43 u 44 tal-Komunikazzjoni, li [jiġi kkonvertit jew iddeprezzat id-dejn subordinat] qabel l-għoti ta' għajnuna mill-Istat, tiġi interpretata fis-sens li tali miżura ma tobbligax lill-Istati Membri li jkunu jixtiequ jirrimedjaw taqlib serju fl-ekonomija billi jagħtu għajnuna mill-Istat lil stabbilimenti ta' kreditu, li jimponu l-obbligu ta' konverżjoni jew ta' deprezzament iċċitat iktar 'il fuq bħala kundizzjoni għall-għoti tal-għajnuna mill-Istat abbażi tal-Artikolu 107(3)(b) [TFUE] jew fis-sens li jkun suffiċjenti sabiex tiġi awtorizzata l-għajnuna mill-Istat li l-miżura ta' konverżjoni jew ta' deprezzament tiġi implementata b'mod proporzjonat?

7) Is-seba' inċiż tal-Artikolu 2 [tad-Direttiva 2001/24] jista' jiġi interpretat fis-sens li l-miżuri meħtieġa ta' qsim tal-piżijiet mill-azzjonisti u mill-kredituri subordinati skont il-punti 40 u 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek (deprezzament tal-kapital primarju [tad-dejn subordinat] u konverżjoni f'kapital [tad-dejn subordinat]) jifformaw parti mill-miżuri ta' riorganizzazzjoni wkoll?"

## Fuq id-domandi preliminari

*Osservazzjoni preliminari*

31 Il-Gvern Sloven u l-Kummissjoni jesprimu dubji dwar l-ammissibbiltà tat-tieni sal-ħames domanda preliminari dwar il-validità tal-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek, sa fejn din il-komunikazzjoni ma tipproduċix effetti ġuridiċi direttament fir-rigward ta' terzi.

32 Għandu jiġi rrilevat li din il-kawża għandha bħala sfond, essenzjalment, l-għajnuna mill-Istat li l-Gvern Sloven ta bil-għan li jiġi żgurat l-irkupru tas-sistema bankarja nazzjonali.

33 B'mod iktar partikolari, hija tirrigwarda l-konformità ma' diversi dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni tal-kundizzjoni ta' qsim tal-piżijiet mill-azzjonisti u l-kredituri subordinati li l-Kummissjoni talbet, sabiex jitqies, skont l-Artikolu 107(3) TFUE, li l-għajnuna mill-Istat mogħtija lill-banek huma

kompatibbli mas-suq intern. Il-validità ta’ tali kundizzjoni għandha tiġi mistħarrġa mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-proċedura stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, li huwa preċiżament l-iskop tat-tieni sal-ħames domanda preliminari.

34 Konsegwentement, dawn id-domandi huma ammissibbli.

*Fuq l-ewwel domanda*

35 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-Komunikazzjoni dwar il-banek għandhiex tiġi interpretata fis-sens li għandha effett vinkolanti fir-rigward tal-Istati Membri.

36 L-Artikolu 108(3) TFUE jistitwixxi stħarriġ minn qabel fuq il-modifiki ta’ għajnuna eżistenti u fuq il-proġetti ta’ għajnuna ġdida. Il-prevenzjoni organizzata b’dan il-mod għandha l-għan li għajnuna kompatibbli mas-suq intern biss tiġi implementata (ara s-sentenza tal-21 ta’ Novembru 2013, Deutsche Lufthansa, C-284/12, EU:C:2013:755, punti 25 u 26).

37 L-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna mas-suq intern, skont l-Artikolu 107(3) TFUE taqa’ fil-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni, li taġixxi taħt l-awtorità tal-qrati tal-Unjoni (ara s-sentenza tal-21 ta’ Novembru 2013, Deutsche Lufthansa, C-284/12, EU:C:2013:755, punt 28).

38 F’dan ir-rigward, il-Kummissjoni tgawdi minn setgħa diskrezzjonali wiesgħa li l-eżerċizzju tagħha jimplika evalwazzjonijiet kumplessi ta’ natura ekonomika u soċjali (ara, f’dan is-sens, is-sentenzi tal-11 ta’ Settembru 2008, Il-Ġermanja vs Kronofrance, C-75/05 P u C-80/05 P, EU:C:2008:482, punt 59, kif ukoll tat-8 ta’ Marzu 2016, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-431/14 P, EU:C:2016:145, punt 68).

39 Fl-eżerċizzju ta’ din is-setgħa diskrezzjonali, il-Kummissjoni tista’ tadotta linji gwida sabiex tevalwa l-kriterji li abbażi tagħhom hija biħsiebha tevalwa l-kompatibbiltà, mas-suq intern, ta’ miżuri ta’ għajnuna previsti mill-Istati Membri.

40 Skont ġurisprudenza stabbilita ferm, bl-adozzjoni ta’ dawn ir-regoli ta’ kondotta u bit-tħabbir, permezz tal-pubblikazzjoni tagħhom, li hija kienet ser tapplikahom minn dak il-mument għall-każijiet koperti minnhom, il-Kummissjoni tillimita ruħha fl-eżerċizzju tal-imsemmija setgħa diskrezzjonali u ma tistax, bħala prinċipju, tmur kontra dawn ir-regoli mingħajr ma tiġi ssanzjonata, jekk ikun il-każ, minħabba ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, bħall-ksur tal-ugwaljanza fit-trattament jew tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi (sentenza tat-8 ta’ Marzu 2016, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-431/14 P, EU:C:2016:145, punti 69 u 70 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

41 Madankollu, il-Kummissjoni ma tistax tirrinunzja, permezz tal-adozzjoni ta’ regoli ta’ kondotta, għall-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali li l-Artikolu 107(3)(b) TFUE jagħtiha (ara, f’dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta’ Marzu 2016, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-431/14 P, EU:C:2016:145, punt 71). L-adozzjoni ta’ komunikazzjoni bħall-Komunikazzjoni dwar il-banek għaldaqstant ma teħlisx lill-Kummissjoni mill-obbligu tagħha li teżamina ċ-ċirkustanzi speċifiċi eċċezzjonali li Stat Membru jinvoka, f’każ partikolari, sabiex jitlob l-applikazzjoni diretta tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE, u li timmotiva r-rifjut tagħha li tilqa’ tali talba (sentenza tat-8 ta’ Marzu 2016, Il-Greċja vs Il-Kummissjoni, C-431/14 P, EU:C:2016:145, punt 72).

42 F’dan il-każ, mill-punti 41, 43 u 44 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek jirriżulta li l-qsim ġust tal-piżijiet li għaliha l-imsemmija komunikazzjoni tissuġġetta l-għoti ta’ għajnuna mill-Istat jimplika, bħala prijorità, l-assorbiment tat-telf mill-kapital, sussegwentement, bħala prinċipju, kontribuzzjoni tal-kredituri subordinati. Tista’ ssir eċċezzjoni għar-rekwiżiti li jinsabu fil-punti 43 u 44 ta’ din il-komunikazzjoni, skont il-punt 45 tagħha, meta tali kontribuzzjoni tista’ “tipperikola l-istabbiltà finanzjarja jew twassal għal riżultati sproporzjonati”.

43 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta, minn naħa, li l-effett tal-adozzjoni tar-regoli ta' kondotta li jinsab fl-imsemmija komunikazzjoni hija limitata għal dak ta' awtolimitazzjoni tal-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha, fis-sens li, jekk Stat Membru jinnotifika lill-Kummissjoni proġett ta' għajnuna mill-Istat li huwa konformi ma' dawn ir-regoli, din tal-aħħar għandha, bħala prinċipju, tawtorizza dan il-proġett. Min-naħa l-oħra, l-Istati Membri jżommu d-dritt li jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi proġetti ta' għajnuna mill-Istat li ma jissodisfawx il-kriterji previsti minn din il-komunikazzjoni u l-Kummissjoni tista' tawtorizza tali proġetti f'ċirkustanzi eċċezzjonali.

44 Minn dan isegwi li l-Komunikazzjoni dwar il-banek ma tistax toħloq obbligi awtonomi fuq l-Istati Membri, iżda tistabbilixxi biss kundizzjonijiet intiżi li jiżguraw il-kompatibbiltà mas-suq intern ta' għajnuna mill-Istat mogħtija lill-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja, li l-Kummissjoni għandha tieħu inkunsiderazzjoni fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li hija għandha taħt l-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

45 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandha tingħata risposta għall-ewwel domanda li l-Komunikazzjoni dwar il-banek għandha tiġi interpretata fis-sens li ma għandhiex effett vinkolanti fir-rigward tal-Istati Membri.

*Fuq it-tieni domanda*

46 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 107 sa 109 TFUE għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek sa fejn l-imsemmija punti jipprovdu għal kundizzjoni ta' qsim tal-piżijiet bejn l-azzjonisti u l-kredituri subordinati għall-approvazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.

47 Il-Komunikazzjoni dwar il-banek ġiet adottata abbażi tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE.

48 Minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li l-Kummissjoni tista' tqis bħala kompatibbli mas-suq intern l-għajnuna sabiex tirrimedja għal perturbazzjoni serja tal-ekonomija ta' Stat Membru.

49 Skont is-setgħa diskrezzjonali tagħha li tagħtiha l-imsemmija dispożizzjoni, il-Kummissjoni għandha d-dritt li tirrifjuta l-għoti ta' għajnuna meta din ma tħajjarx lill-impriżi benefiċjarji jadottaw aġir tali li jikkontribwixxi għat-twettiq ta' wieħed mill-għanijiet imsemmija minn din id-dispożizzjoni. Tali għajnuna għandha tkun neċessarja sabiex jintlaħqu l-għanijiet previsti minn din id-dispożizzjoni b'tali mod li, mingħajrha, il-kundizzjonijiet normali tas-suq ma jippermettux, minnhom infushom, li l-impriżi benefiċjarji jadottaw aġir tali li jikkontribwixxi għat-twettiq ta' dawn l-għanijiet. Fil-fatt, għajnuna li ttejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tal-impriża benefiċjarja mingħajr ma tkun neċessarja sabiex jintlaħqu l-għanijiet previsti fl-Artikolu 107(3)(b) TFUE ma tistax titqies li hija kompatibbli mas-suq intern (sentenza tat-13 ta' Ġunju 2013, sentenza HGA *et* vs Il-Kummissjoni, C-630/11 P sa C-633/11 P, EU:C:2013:387, punt 104 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

50 Fir-rigward tal-adozzjoni tal-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek abbażi ta' din id-dispożizzjoni, għandu jiġi rrilevat li s-servizzi finanzjarji għandhom rwol ċentrali fl-ekonomija tal-Unjoni. Il-banek u l-istituzzjonijiet l-oħra ta' kreditu huma sors vitali ta' finanzjament għall-impriżi attivi fis-swieq differenti. Barra minn hekk, il-banek ta' sikwit ikunu interkonnessi u ħafna minnhom joperaw fuq livell internazzjonali. Din hija r-raġuni għaliex il-kriżi ta' bank wieħed jew iktar għandha r-riskju li tinfirex malajr f'banek oħra, kemm fl-Istat Membru kkonċernat kif ukoll fi Stati Membri oħra. Min-naħa tiegħu dan iġib ir-riskju li jinħolqu effetti kollaterali negattivi f'setturi oħra tal-ekonomija.

51 Kif l-Avukat Ġenerali rrileva, fil-punt 56 tal-konklużjonijiet tiegħu, ir-rikors għall-bażi legali tal-Artikolu 107(3)(b) TFUE huwa speċjalment ġustifikat mill-fatt li, fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja globali, li rriżultat fl-adozzjoni ta' din il-komunikazzjoni, l-ekonomija ta' bosta Stati Membri ġiet affettwata minn perturbazzjonijiet serji.

52 F'dan il-każ, mill-punt 2 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek jirriżulta li l-Kummissjoni riedet, għal dawn tal-aħħar, tistabbilixxi kundizzjonijiet ta' aċċess għall-għajnuna mill-Istat li jippermettu li jiġi sostnut is-settur finanzjarju tal-Istati Membri u speċifikat ir-rekwiżiti li din l-għajnuna għandha tissodisfa sabiex titqies li hija kompatibbli mas-suq intern.

53 Fost dawn ir-rekwiżiti, jinsab, fil-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek, dak li jipprevedi l-qsim tal-piżijiet mill-azzjonisti u l-kredituri suġġetti għall-kopertura tal-ispejjeż ta' ristrutturar tal-banek f'diffikultà sabiex jimtela d-defiċit tagħhom mill-fondi tagħhom stess. Dan jimplika li, wara l-assorbiment tat-telf mill-kapital, il-kredituri subordinati huma wkoll mistennija jgħinu sabiex jintlaħaq dan il-għan kemm billi jikkonvertu d-djun tagħhom f'kapital, kif ukoll billi jitnaqqas il-valur ta' dawn id-djun.

54 Matul l-istħarriġ tal-kompatibbiltà tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat mas-suq intern, il-Kummissjoni setgħet tqis li, kif spjegat fil-punt 15 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek, miżuri ta' qsim tal-piżijiet għandhom isiru sabiex tiġi llimitata l-għajnuna mill-Istat fil-qasam bankarju għall-minimu neċessarju u sabiex jitnaqqsu d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fis-suq intern.

55 Fil-fatt, minn naħa, tali miżuri ta' qsim tal-piżijiet jistgħu jinftiehmu bħala intiżi li jipprevjenu l-użu tal-għajnuna mill-Istat bħala sempliċi għodda sabiex jiġu rrimedjati d-diffikultajiet finanzjarji tal-banek ikkonċernati.

56 Min-naħa l-oħra, il-miżuri ta' qsim tal-piżijiet huma intiżi li jiżguraw li, qabel l-għoti ta' kwalunkwe għajnuna mill-Istat, il-banek li għandhom nuqqas fil-kapital tagħhom stess jieħdu passi, mal-investituri tagħhom, sabiex inaqqsu dan id-defiċit, b'mod partikolari permezz tal-mobilizzazzjoni tal-kapital proprju kif ukoll permezz ta' kontribuzzjoni tal-kredituri subordinati, peress li tali miżuri jistgħu jillimitaw l-ammont tal-għajnuna mill-Istat mogħtija.

57 Soluzzjoni kuntrarja tirriskja li toħloq distorsjonijiet tal-kompetizzjoni, sa fejn il-banek, li l-azzjonisti u l-kredituri subordinati tagħhom ma kinux ikkontribwixxew għat-tnaqqis tan-nuqqas fil-kapital, jirċievu għajnuna mill-Istat ogħla minn dik li tkun suffiċjenti sabiex jimtela n-nuqqas residwali tal-kapital. F'dawn iċ-ċirkustanzi, tali għajnuna ma tkunx, bħala prinċipju, konformi mad-dritt tal-Unjoni.

58 Barra minn hekk, sabiex tiġi rrimedjata l-problema tal-"periklu morali" li hija marbuta mal-fatt li l-individwi huma inklinati sabiex jieħdu deċiżjonijiet riskjużi meta l-konsegwenzi negattivi possibbli ta' dawn tal-aħħar huma appoġġjati mill-kollettività, huwa importanti li jiġi evitat li l-banek ikunu mħeġġa mill-possibbiltà li jingħataw għajnuna mill-Istat sabiex jirrikorru għal strumenti finanzjarji iktar riskjużi li jistgħu jikkawżaw telf sinjifikattiv, liema fatt jista' jikkawża distorsjonijiet serji tal-kompetizzjoni u jipperikola l-integrità tas-suq intern.

59 Finalment, għandu jiġi rrilevat li, billi adottat il-Komunikazzjoni dwar il-banek, il-Kummissjoni ma kinitx daħlet fuq il-kompetenzi mogħtija lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea mill-Artikoli 108 u 109 TFUE. Fil-fatt, peress li din il-komunikazzjoni sempliċement tistabbilixxi regoli ta' kondotta li għandhom l-effett li jillimitaw il-Kummissjoni fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali mogħtija lilha mill-Artikolu 107(3)(b) TFUE, hija ma taffettwax is-setgħa rikonoxxuta lill-Kunsill, fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 108(2) TFUE, li jiddikjara, fuq talba ta' Stat Membru, għajnuna mill-Istat kompatibbli mas-suq intern f'ċirkustanzi eċċezzjonali, u ma tikkostitwixxix regolament kif imsemmi fl-Artikolu 109 TFUE, li għandha, skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 288 TFUE, effett vinkolanti *erga omnes*.

60 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandha tingħata risposta għat-tieni domanda li l-Artikoli 107 u 109 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux il-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek sa fejn l-imsemmija punti jipprovdu għal kundizzjoni ta' qsim tal-piżijiet bejn l-azzjonisti u l-kredituri subordinati bil-għan tal-approvazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.

*Fuq it-tielet u r-raba' domanda*

61 Permezz tat-tielet u r-raba' domandi tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-prinċipju tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u d-dritt ta' proprjetà għandhomx jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu l-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek sa fejn l-imsemmija punti jipprovdu għal kundizzjoni ta' qsim tal-piżijiet bejn l-azzjonisti u l-kredituri subordinati għall-approvazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.

62 Fl-ewwel lok, f'dak li jirrigwarda l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, minn ġurisprudenza stabbilita ferm jirriżulta li d-dritt li jiġi invokat dan il-prinċipju jimplika li assigurazzjonijiet preċiżi, bla kundizzjonijiet u konsistenti, minn sorsi awtorizzati u affidabbli, ingħataw lill-persuna kkonċernata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Unjoni. Fil-fatt, dan id-dritt jappartjeni lil kwalunkwe parti f'kawża li fil-konfront tiegħu istituzzjoni, korp, uffiċċju jew aġenzija tal-Unjoni, billi tatu assigurazzjonijiet preċiżi, ħolqot aspettattivi ġġustifikati (sentenzi tas-16 ta' Diċembru 2010, Kahla Thüringen Porzellan vs Il-Kummissjoni, C-537/08 P, EU:C:2010:769, punt 63, kif ukoll tat-13 ta' Ġunju 2013, HGA *et* vs Il-Kummissjoni, C-630/11 P sa C-633/11 P, EU:C:2013:387, punt 132).

63 Issa, l-azzjonisti u l-kredituri subordinati tal-banek li kienu s-suġġett ta' miżuri ta' qsim tal-piżijiet, previsti fil-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek, bħal dawk inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma jistgħux jinvokaw il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi sabiex jopponu l-implementazzjoni tal-miżuri inkwistjoni.

64 Fil-fatt, minn naħa, l-azzjonisti u l-kredituri subordinati tal-banek ma kellhom l-ebda garanzija mill-Kummissjoni dwar jekk hija tapprovax għajnuna mill-Istat sabiex tirrimedja nuqqas fil-kapital ta' dawn il-banek. Min-naħa l-oħra, dawn l-investituri ma kellhomx l-assigurazzjoni li, fost il-miżuri li jindirizzaw in-nuqqas fil-kapital tal-banek benefiċjarji tal-għajnuna mill-Istat awtorizzata mill-Kummissjoni, xi wħud ma humiex tali li jaffettwaw l-investimenti tagħhom.

65 Barra minn hekk, il-fatt li, matul l-ewwel fażijiet tal-kriżi finanzjarja internazzjonali, il-kredituri subordinati ma ġewx mistiedna biex jikkontribwixxu għas-salvataġġ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, kif fakkret il-Kummissjoni fil-punt 17 tal-komunikazzjoni tagħha dwar il-banek, ma jippermettix lill-kredituri inkwistjoni fil-kawża prinċipali li jinvokaw il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi.

66 Fil-fatt, tali ċirkustanza ma tistax titqies li hija garanzija preċiża, inkundizzjonata u konsistenti li tista' tagħti lok għall-aspettattivi leġittimi tal-azzjonisti u tal-kredituri subordinati li ma jkunux suġġetti għal miżuri ta' qsim tal-piżijiet fil-futur. Kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, għalkemm il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi jagħmel parti mill-prinċipji fundamentali tal-Unjoni, l-operaturi ekonomiċi ma humiex iġġustifikati li jqiegħdu l-aspettattivi leġittimi tagħhom fiż-żamma fis-seħħ ta' sitwazzjoni eżistenti li l-bidla tagħha qiegħda fid-diskrezzjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, u dan b'mod speċjali f'qasam bħal dak tal-għajnuna mill-Istat lill-banek, li jinvolvi aġġustament kostanti skont il-varjazzjonijiet fis-sitwazzjoni ekonomika (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2012, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni, C-335/09 P, EU:C:2012:385, punt 180).

67 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, barra minn hekk, dwar il-ħtieġa għall-Istati Membri, li jkollhom, fi kwalunkwe każ, perijodu tranżitorju sabiex jadattaw lilhom infushom għar-rekwiżiti l-ġodda tal-Kummissjoni dwar il-qsim tal-piżijiet li jinvolvu l-azzjonisti u l-kredituri subordinati.

68 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, anki li kieku wieħed kellu jassumi li l-Unjoni ħolqot minn qabel sitwazzjoni li tista' toħloq aspettattivi leġittimi, li, f'dan il-każ, ma huwiex il-każ, interess pubbliku perentorju jista' jopponi l-adozzjoni ta' miżuri tranżitorji għal sitwazzjonijiet li jinqalgħu qabel id-dħul fis-seħħ tar-regolamenti l-ġodda, iżda li għadhom qegħdin jevolvu (ara s-sentenzi tas-17 ta' Lulju 1997, Affish, C-183/95, EU:C:1997:373, punt 57, u tas-17 ta' Settembru 2009, Il-Kummissjoni vs Koninklijke FrieslandCampina, C-519/07 P, EU:C:2009:556, punt 85).

69 Issa, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 70 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-għan li tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja filwaqt li jiġi evitat infiq pubbliku eċċessiv u jiġu mminimizzati distorsjonijiet tal-kompetizzjoni jikkostitwixxi interess pubbliku prevalenti ta' din ix-xorta.

70 Fit-tieni lok, fir-rigward tad-dritt għall-proprjetà li huwa stabbilit fl-Artikolu 17(1) tal-Karta, għandu jitfakkar li, kif ġie kkonstatat fil-punt 44 ta' din is-sentenza, il-Komunikazzjoni dwar il-banek ma tistax toħloq obbligu fuq l-Istati Membri li jieħdu miżuri ta' qsim tal-piżijiet bħal dawk previsti fil-punti 40 sa 46 ta' din il-komunikazzjoni.

71 Mill-punt 15 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek jirriżulta li l-qsim tal-ispejjeż mill-azzjonisti u l-kredituri subordinati jikkostitwixxi biss kriterju ta' awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni ta' għajnuna mill-Istat mogħtija lill-banek li għandhom nuqqas sinjifikattiv fil-kapital tagħhom, li jippermetti li tiġi limitata din l-għajnuna għall-minimu neċessarju u sabiex jiġi żgurat li l-benefiċjarju jikkontribwixxi b'mod xieraq għall-ispejjeż ta' ristrutturazzjoni.

72 Kif l-Avukat Ġenerali rrileva fil-punt 71 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-Komunikazzjoni dwar il-banek ma tirrikjedix xi forma jew proċedura partikolari għall-adozzjoni tal-miżuri ta' qsim tal-piżijiet kif imsemmi fil-punti 40 sa 46 ta' din il-komunikazzjoni. Tali miżuri jistgħu jiġu adottati b'mod volontarju mill-azzjonisti u permezz ta' ftehim bejn l-istituzzjoni ta' kreditu u l-kredituri subordinati tagħha, li ma jistax jitqies li huwa ndħil fid-drittijiet tal-proprjetà tagħhom.

73 Barra minn hekk, fir-rigward tal-azzjonisti tal-bank, hemm lok li jitfakkar li, skont ir-regoli ġenerali applikabbli għall-istatus tal-azzjonisti ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata, dawn tal-aħħar jassumu totalment ir-riskju tal-investimenti tagħhom. Fil-fatt, mill-premessa 5 tad-Direttiva 2012/30 jirriżulta li din tal-aħħar hija intiża li żżomm il-kapital azzjonarju li jikkostitwixxi l-garanzija tal-kredituri.

74 Peress li l-azzjonisti huma responsabbli għad-djun tal-bank sal-ammont tal-kapital azzjonarju ta' dan tal-aħħar, il-fatt li l-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek jirrikjedu li, sabiex jiġi rrimedjat in-nuqqas ta' kapital ta' bank, qabel l-għoti ta' għajnuna mill-Istat, dawn l-azzjonisti għandhom jikkontribwixxu sabiex jiġi assorbit it-telf subit minn dan il-bank bl-istess mod bħal fl-assenza ta' tali għajnuna mill-Istat, ma jistax jitqies li jaffettwa d-dritt tagħhom ta' proprjetà.

75 It-telf tal-azzjonisti ta' banek f'diffikultajiet għandu, fi kwalunkwe każ, l-istess daqs, irrispettivament mill-kwistjoni dwar jekk il-każ tagħhom ikunx ibbażat fuq sentenza ta' falliment minħabba l-assenza ta' għoti ta' għajnuna mill-Istat jew fuq proċedura għall-għoti ta' tali għajnuna suġġetta għall-kundizzjoni minn qabel ta' qsim tal-piżijiet.

76 Fir-rigward tal-kredituri subordinati, kif il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat fil-punt 27 ta' din is-sentenza, id-dejn subordinat huwa strument finanzjarju li għandu ċerti karatteristiċi simili għal dawk tal-prodotti tad-dejn u ta' kapital ta' ekwità, li jimplika li, fil-każ ta' waqfien ta' ħlas mill-emittent ta' tali strumenti, id-detenturi ta' dawn l-istrumenti jitħallsu wara d-detenturi ta' obbligazzjonijiet ordinarji, iżda qabel l-azzjonisti.

77 Issa, mill-punti 41, 43 u 44 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek jirriżulta li dawn il-kredituri għandhom jikkontribwixxu għat-tnaqqis fin-nuqqas tal-kapital, biss, minn naħa, wara l-assorbiment tat-telf bi prijorità mill-kapital, u, min-naħa l-oħra, biss "jekk m'hemmx possibilitajiet oħra" sabiex jiġi rrimedjat kwalunkwe nuqqas eventwali ta' kapital tal-bank ikkonċernat jew meta dan il-bank ma jkunx jissodisfa iżjed ir-rekwiżiti regolatorji minimi għall-kapital. Barra minn hekk, il-punt 46 ta' din il-komunikazzjoni jipprevedi li "irid jinżamm 'il-prinċipju li l-ebda kreditur ma jmur għall-agħar'. Għalhekk, kredituri subordinarji m'għandhomx jirċievu inqas f'termini ekonomiċi minn dak li l-istrument tagħhom kien ikun jiswa li kieku l-ebda għajnuna mill-Istat ma kellha tingħata".

78 Minn dan il-punt jirriżulta li l-miżuri ta' qsim ta' piżijiet li għalihom huwa suġġett l-għoti ta' għajnuna mill-Istat favur bank b'nuqqas ta' kapital ma jistax iwassal għal preġudizzju li l-kredituri subordinati ma kinux iġarrbu fuq id-dritt ta' proprjetà fil-kuntest ta' proċedura ta' falliment sussegwenti għall-assenza ta' għoti ta' tali għajnuna.

79 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jistax jiġi validament sostnut li l-miżuri ta' qsim tal-piżijiet, bħal dawk previsti mill-Komunikazzjoni dwar il-banek, jikkostitwixxu ndħil fid-dritt ta' proprjetà tal-azzjonisti u tal-kredituri subordinati.

80 Għaldaqstant, għandha tingħata risposta għat-tielet u r-raba' domanda li l-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u d-dritt ta' proprjetà għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux il-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek sa fejn l-imsemmija punti jipprovdu għal kundizzjoni ta' qsim tal-ispejjeż bejn l-azzjonisti u l-kredituri subordinati bil-għan tal-approvazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.

*Fuq il-ħames domanda*

81 Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikoli 29, 34, 35 u 40 sa 42 tad-Direttiva 2012/30 għandhomx jiġi interpretati fis-sens li jipprekludu l-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek sa fejn l-imsemmija punti jipprovdu kundizzjoni ta' qsim tal-ispejjeż bejn l-azzjonisti u l-kredituri subordinati bil-għan tal-approvazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.

82 L-Artikoli 29, 34, 35 u 40 sa 42 tad-Direttiva 2012/30 jipprevedu, essenzjalment, li kwalunkwe żieda jew tnaqqis fil-kapital tal-kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata għandha tkun suġġetta għal deċiżjoni tal-laqgħa ġenerali tal-kumpannija.

83 Skont il-qorti tar-rinviju, sa fejn il-Komunikazzjoni dwar il-banek tipprevedi li ċerti modifiki tal-kapital azzjonarju tal-banek ma għandhomx jiġu deċiżi jew approvati mil-laqgħa ġenerali, din il-komunikazzjoni tkun inkompatibbli ma' din id-direttiva.

84 Madankollu, kif ġie rrilevat fil-punt 72 ta' din is-sentenza, il-Komunikazzjoni dwar il-banek ma tinkludi ebda dispożizzjoni speċifika dwar il-proċeduri legali li permezz tagħhom il-miżuri ta' qsim tal-piżijiet li jinsabu fil-punti 40 sa 46 ta' din il-komunikazzjoni għandhom jiġu implementati.

85 Konsegwentement, minkejja li l-Istati Membri jistgħu eventwalment jaslu, f'sitwazzjoni partikolari, sabiex jadottaw tali miżuri ta' qsim tal-ispejjeż mingħajr l-approvazzjoni tal-laqgħa ġenerali tal-kumpannija, madankollu dan il-fatt ma jistax iqiegħed inkwistjoni l-validità tal-Komunikazzjoni dwar il-banek fir-rigward tad-Direttiva 2012/30.

86 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, skont il-premessa 3 tagħha, id-Direttiva 2012/30 hija intiża li tiżgura protezzjoni minima ekwivalenti kemm għall-azzjonisti kif ukoll għall-kredituri ta' kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata. Għal dan il-għan, din id-direttiva tarmonizza d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-kostituzzjoni, kif ukoll dwar iż-żamma, iż-żieda u t-tnaqqis tal-kapital tal-imsemmija kumpanniji.

87 Id-Direttiva 2012/30 taqa' fil-kuntest tat-twettiq tal-libertà ta' stabbiliment fis-suq intern li għandha bħala għan prinċipali l-protezzjoni tal-interessi tal-membri u tat-terzi. Hija intiża li tiżgura lill-investituri li d-drittijiet tagħhom jiġu rrispettati fis-suq intern kollu mill-korpi tal-kumpanniji li fihom huma investew, b'mod partikolari matul it-tranżazzjonijiet ta' kostituzzjoni ta' kumpannija u ta' żieda u ta' tnaqqis tal-kapital azzjonarju tagħha. Konsegwentement, il-miżuri li d-Direttiva 2012/30 tipprevedi sabiex tiżgura din il-protezzjoni jirrigwardaw it-tħaddim ordinarju tal-kumpanniji pubbliċi b'responsabbiltà limitata.

88 Madankollu, il-miżuri ta' qsim tal-piżijiet mill-azzjonisti u l-kredituri subordinati jikkostitwixxu, meta jiġu imposti mill-awtoritajiet nazzjonali, miżuri eċċezzjonali. Dawn jistgħu jiġu adottati biss fil-kuntest ta' perturbazzjoni serja tal-ekonomija ta' Stat Membru kif ukoll bil-għan li jiġi evitat riskju sistematiku u sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

89 Kuntrarjament għall-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, id-Direttiva 2012/30 ma tipprekludix li jiġu adottati miżuri relatati mal-kapital azzjonarju f'ċerti ċirkustanzi partikolari, bħal dawk koperti mill-Komunikazzjoni dwar il-banek, mingħajr l-approvazzjoni tal-laqgħa ġenerali tal-kumpannija. Tali interpretazzjoni ma tistax, wara kollox, titqiegħed inkwistjoni mis-sentenza tat-12 ta' Marzu 1993, Pafitis *et* (C-441/93, EU:C:1996:92).

90 Fil-fatt, f'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat id-Direttiva tal-Kunsill 77/91/KEE, tat-13 ta' Diċembru tal-1976, dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni ta' l-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 58 tat-Trattat, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbilità limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, bil-għan li jagħmlu dawn is-salvagwardji ekwivalenti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 8) fil-kuntest ta' tilwima kkaratterizzata mill-insolvenza ta' bank wieħed, filwaqt li, fil-kawża prinċipali, il-miżuri ta' qsim tal-piżijiet imsemmija fil-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek huma maħsuba bħala kundizzjoni għall-għoti, lil banek li jaffaċċjaw nuqqas fil-kapital, ta' għajnuna mill-Istat iddestinata, f'kuntest eċċezzjonali ta' perturbazzjoni serja għall-ekonomija nazzjonali, sabiex tirrimedja kriżi finanzjarja sistemika li tista' taffettwa s-sistema finanzjarja kollha u l-istabbiltà finanzjarja tal-Unjoni.

91 Għandu jiġi enfasizzat, f'dan ir-rigward, li, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punti 105 u 107 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-miżuri nazzjonali kkontestati fil-kawża Pafitis *et* (C-441/93, EU:C:1996:92) ġew adottati fil-perijodu tas-sena 1986 sas-sena 1990, u l-Qorti tal-Ġustizzja tat is-sentenza tagħha fl-1996, jiġifieri ferm qabel il-bidu tat-tielet stadju għall-implementazzjoni tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, bl-introduzzjoni tal-Euro, it-twaqqif tas-Sistema Euro u l-emendi relatati mat-Trattati tal-Unjoni. Għalkemm hemm interess pubbliku ċar li tiġi żgurata, fl-Unjoni kollha, protezzjoni qawwija u konsistenti ta' investituri, dan l-interess ma jistax jitqies li jipprevali fiċ-ċirkustanzi kollha, fuq l-interess pubbliku li jikkonsisti f'li tiġi żgurata l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja.

92 Madankollu, il-qorti tar-rinviju tqis li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2014/59 jistgħu jwassal għall-konstatazzjoni li l-Komunikazzjoni dwar il-banek hija inkompatibbli mad-Direttiva 2012/30.

93 Madankollu, minbarra dak li ġie rrilevat fil-punti 72 u 84 ta' din is-sentenza, il-fatt li, skont l-Artikolu 123 tad-Direttiva 2014/59, mill-1 ta' Jannar 2016, l-Artikoli 29, 34 u 35 kif ukoll 40 sa 42 tad-Direttiva 2012/30 ma japplikawx fil-każ ta' użu ta' mekkaniżmi ta' riżoluzzjoni previsti mid-Direttiva 2014/59, ma jippermettix li jiġi konkluż li, qabel din id-data, derogi ta' din in-natura kienu pprojbiti.

94 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandha tingħata risposta għall-ħames domanda li l-Artikoli 29, 34, 35 u 40 sa 42 tad-Direttiva 2012/30 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux il-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek sa fejn l-imsemmija punti jipprovdu għal kundizzjoni ta' qsim tal-piżijiet bejn l-azzjonisti u l-kredituri subordinati bil-għan tal-approvazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.

*Fuq is-sitt domanda*

95 Permezz tas-sitt domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-Komunikazzjoni dwar il-banek għandhiex tiġi interpretat fis-sens li l-miżuri ta' konverżjoni jew ta' tnaqqis fil-valur ta' dejn subordinat, kif previsti fil-punt 44 ta' din il-komunikazzjoni, jikkostitwixxu kundizzjoni neċessarja u suffiċjenti sabiex għajnuna mill-Istat taħt din il-komunikazzjoni tiġi ddikjarata kompatibbli mas-suq intern jew jekk huwiex biżżejjed, sabiex tawtorizza din l-għajnuna, li d-dejn subordinat ikun ikkonvertit jew iddeprezzat b'mod proporzjonat.

96 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li, permezz ta' din id-domanda, l-Ustavno sodišče (qorti kostituzzjonali) tixtieq tkun taf jekk, fil-każ li bank ma jissodisfax ir-rekwiżiti regolatorji minimi għall-kapital, fis-sens tal-punt 44 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek, għandhomx jittieħdu miżuri ta' żvalutar ta' dejn subordinati sabiex dawn jikkumpensaw b'mod sħiħ it-telf kollu mġarrab mill-bank jew jekk dawn il-miżuri jistgħux jitwettqu parzjalment, b'mod proporzjonat.

97 Konformement mal-punt 44 ta' din il-komunikazzjoni, fil-każ li bank ma jissodisfax ir-rekwiżiti minimi għall-kapital, liema fatt ifisser li dan il-kapital ma jkunx jista' jassorbi, waħdu, it-telf tal-bank, id-dejn subordinat ikollu jiġi kkonvertit jew ikun suġġett għal tnaqqis fil-valur tiegħu, bħala prinċipju, qabel l-għoti ta' għajnuna mill-Istat lil dan il-bank. Barra minn hekk, skont l-istess punt 44, l-għajnuna mill-Istat għandha tingħata biss ladarba l-kapital u d-dejn subordinat ikunu kkontribwixxew bis-sħiħ sabiex jiġi kkumpensat kwalunkwe telf tal-bank.

98 Kif tfakkar fil-punti 40 u 41 ta' din is-sentenza, minn naħa, il-Kummissjoni, billi tadotta regoli ta' kondotta u billi tħabbar, permezz tal-pubblikazzjoni tagħhom, li hija ser tapplikahom għall-każijiet milquta minnhom, tillimita ruħha fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tagħha u ma tistax, bħala prinċipju, tmur kontra r-regoli tagħha mingħajr ma tiġi ssanzjonata, jekk ikun il-każ, minħabba ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt, bħal dak tal-ugwaljanza fit-trattament jew tal-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi. Min-naħa l-oħra, l-adozzjoni ta' tali regoli ma teħlisx lill-Kummissjoni mill-obbligu tagħha li teżamina ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li Stat Membru jinvoka.

99 Minn dan isegwi li l-fatt li miżura ta' għajnuna mill-Istat tissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-punt 44 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek jikkostitwixxi kundizzjoni, bħala prinċipju, suffiċjenti sabiex il-Kummissjoni tiddikjaraha kompatibbli mas-suq intern, iżda mhux strettament neċessarju għal dan il-għan.

100 Għaldaqstant Stat Membru ma huwiex marbut li jimponi fuq il-banek f'diffikultà, qabel l-għoti ta' kwalunkwe għajnuna mill-Istat, li jikkonvertu d-dejn subordinat f'kapital jew li jnaqqsu l-valur tiegħu, u lanqas li jikkontribwixxu b'mod sħiħ għal dan id-dejn sabiex jassorbu t-telf. F'każ bħal dan, l-għajnuna mill-Istat prevista madankollu ma tistax titqies li ġiet limitata għall-minimu strett, kif jirrikjedi l-punt 15 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek. L-Istat Membru kif ukoll il-banek benefiċjarji tal-għajnuna mill-Istat jieħdu r-riskju li jkunu qed imorru kontra deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjaraha inkompatibbli mas-suq intern.

101 Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni dwar il-banek tipprovdi, fil-punt 45, li eċċezzjoni għar-rekwiżiti li jinsabu b'mod partikolari fil-punt 44 ta' din il-komunikazzjoni tista' tingħata meta l-implementazzjoni tal-miżuri ta' konverżjoni jew ta' tnaqqis fil-valur tad-dejn "tista' tipperikola l-istabbiltà finanzjarja jew twassal għal riżultati sproporzjonati". B'hekk, ma jistax jiġi impost fuq bank li jikkonverti jew inaqqas il-valur tad-dejn kollu subordinat qabel l-għoti ta' għajnuna mill-Istat jekk, b'mod partikolari, il-konverżjoni jew it-tnaqqis fil-valur ta' parti mid-dejn subordinat kienu jkunu biżżejjed sabiex jindirizzaw in-nuqqas fil-kapital tal-bank ikkonċernat.

102 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, għandha tingħata risposta għas-sitt domanda li l-Komunikazzjoni dwar il-banek għandha tiġi interpretata fis-sens li l-miżuri ta' konverżjoni jew ta' tnaqqis fil-valur tad-dejn subordinat, kif previsti fil-punt 44 ta' din il-komunikazzjoni, ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' kapital tal-bank ikkonċernat.

*Fuq is-seba' domanda*

103 Permezz tas-seba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk is-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24 għandux jiġi interpretat fis-sens li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "miżuri ta' riorganizzazzjoni", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, il-miżuri ta' qsim tal-piżijiet mill-azzjonisti u l-kredituri subordinati, kif previst fil-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek.

104 Għandu jiġi rrilevat li d-Direttiva 2001/24, kif jirriżulta mill-premessa 6 tagħha, għandha l-għan li twaqqaf sistema ta' rikonoxximent reċiproku ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni, mingħajr ma hija intiża li tarmonizza l-leġiżlazzjoni nazzjonali f'dan il-qasam (ara s-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2013, LBI, C-85/12, EU:C:2013:697, punt 39).

105 Dan l-għan jirrikjedi li l-miżuri ta' riorganizzazzjoni meħuda mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji tal-Istat Membru ta' oriġini, jiġifieri l-Istat Membru li fih istituzzjoni ta' kreditu tkun ġiet awtorizzata, jipproduċu, fl-Istati Membri l-oħra kollha, l-effetti attribwiti lilhom mill-liġi ta' dan l-Istat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-24 ta' Ottubru 2013, LBI, C-85/12, EU:C:2013:697, punt 22).

106 Konformement mas-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24, "'miżuri ta' riorganizzazzjoni' għandhom ifissru miżuri li huma maħsuba biex jippreservaw jew iġibu lura s-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu u li tista' taffettwa d-drittijiet pre-eżistenti ta' terzi, inkluż miżuri li jinvolvu l-possibbiltà ta' sospensjoni ta' ħlasijiet, sospensjoni ta' miżuri ta' infurżar jew tnaqqis ta' talbiet".

107 Kif sostnew il-partijiet kollha fil-kawża prinċipali li tkellmu fuq din il-kwistjoni, mill-formulazzjoni stess ta' din id-dispożizzjoni, u mid-definizzjoni wiesgħa tal-kunċett ta; "miżuri ta' riorganizzazzjoni" li hija tipprevedi, jirriżulta li l-miżuri ta' qsim tal-ispejjeż kif previsti fil-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek jistgħu jiġu inklużi fil-kunċett ta' "miżuri ta' riorgannizzazzjoi", fis-sens tad-Direttiva 2001/24.

108 Fil-fatt, minn naħa, peress li l-miżuri ta' qsim tal-piżijiet huma intiżi li jtejbu l-pożizzjoni finanzjarja tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u sabiex jirrimedjaw in-nuqqas ta' kapital tagħhom, kif ġie spjegat fil-punt 43 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek, dawn il-miżuri huma maħsuba sabiex jippreżervaw jew iġibu lura s-sitwazzjoni finanzjarja ta' istituzzjoni ta' kreditu.

109 Min-naħa l-oħra, il-miżuri ta' qsim tal-piżijiet, b'mod partikolari l-konverżjoni tal-valur ta' dejn subordinat f'kapital jew it-tnaqqis tal-valur ta' dan id-dejn, min-natura tagħhom stess, jistgħu jaffettwaw id-drittijiet preeżistenti ta' terzi u, b'hekk, iwasslu għal tnaqqis tal-krediti.

110 Sabiex jaqgħu taħt il-kunċett ta' "miżuri ta' riorgannizzazzjoni" fis-sens tad-Direttiva 2001/24, xorta madankollu huwa neċessarju, hekk kif jirriżulta, b'mod partikolari, mill-premessa 6 u mill-Artikolu 3(1) ta' din id-direttiva, li l-miżuri ta' qsim tal-piżijiet ikunu ġew adottati minn awtorità amministrattiva jew ġudizzjarja. Għall-kuntrarju, meta l-miżuri ta' qsim tal-piżijiet ikunu deċiżi u implementati mill-azzjonisti jew mill-kredituri subordinati, mingħajr ebda intervent minn awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji, dawn il-miżuri ma jistgħux jikkostitwixxu miżuri ta' riorganizzazzjoni, fis-sens tad-Direttiva 2001/24.

111 Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar jekk il-fatt li s-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24 ġie emendat bl-Artikolu 117 tad-Direttiva 2014/59, sabiex jinkludi espressament il-kunċett ta' "miżuri ta' riorganizazzjoni" l-istrumenti ta' riżoluzzjoni previsti minn din l-aħħar direttiva — li huma analogi għall-miżuri ta' qsim tal-piżijiet mill-azzjonisti u l-krudituri subordinati — jippermettix li, fid-data tal-fatti tat-tilwima fil-kawża prinċipali, dawn l-aħħar miżuri ma kinux jaqgħu taħt il-kunċett ta' "miżuri ta' riorganizzazzjoni" fis-sens tad-Direttiva 2001/24.

112 Din l-interpretazzjoni ma tistax tiġi aċċettata.

113 Fil-fatt, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 143 tal-konklużjonijiet tiegħu, din l-emenda għandha tinqara fid-dawl tal-fatt li d-Direttiva 2001/24 ma kellhiex l-intenzjoni li tarmonizza l-liġijiet rilevanti tal-Istati Membri iżda biss li tipprovdi sistema ta' rikonoxximent reċiproku. Id-Direttiva 2014/59 madankollu tobbliga lill-Istati Membri sabiex jintroduċu ċerti miżuri intiżi sabiex jirriorganizzaw il-banek, li jeħtieġ li dawn il-miżuri jkunu identifikati speċifikament sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' din l-aħħar direttiva fl-Unjoni. Dan bl-ebda mod ma jimplika li miżuri pubbliċi simili ma kinux koperti minn qabel bid-definizzjoni ta' miżuri ta' riorganizzazzjoni.

114 Għaldaqstant hemm lok li tingħata risposta għas-seba' domanda li s-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24 għandu jiġi interpretat fis-sens li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "miżuri ta' riorganizzazzjoni", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, il-miżuri ta' qsim tal-piżijiet kif previsti fil-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek.

**Fuq l-ispejjeż**

115 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

**1) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni, mill-1 ta' Awwissu 2013, ta' regoli dwar għajnuna mill-Istat biex isostni l-miżuri favur banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ("Il-Komunikazzjoni dwar il-banek") għandha tiġi interpretata fis-sens li ma għandhiex effett vinkolanti fir-rigward tal-Istati Membri.**

**2) L-Artikoli 107 u 109 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux il-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek sa fejn l-imsemmija punti jipprovdu għal kundizzjoni ta' qsim tal-piżijiet bejn l-azzjonisti u d-detenturi ta' dejn subordinat bil-għan tal-approvazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.**

**3) Il-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u d-dritt ta' proprjetà għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux il-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek sa fejn l-imsemmija punti jipprovdu għal kundizzjoni ta' qsim tal-ispejjeż bejn l-azzjonisti u d-detenturi ta' dejn subordinat bil-għan l-approvazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.**

**4) L-Artikoli 29, 34, 35 u 40 sa 42 tad-Direttiva 2012/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, dwar il-koordinazzjoni ta' salvagwardji li, għall-protezzjoni tal-interessi ta' membri u oħrajn, huma meħtieġa mill-Istati Membri ta' kumpanniji fis-sens tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 54 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, dwar il-formazzjoni ta' kumpanniji pubbliċi ta' responsabbiltà limitata u ż-żamma u t-tibdil tal-kapital tagħhom, għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma**

**jipprekludux il-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek sa fejn l-imsemmija punti jipprovdu għal kundizzjoni ta' qsim tal-piżijiet bejn l-azzjonisti u d-detenturi ta' dejn subordinat bil-għan tal-approvazzjoni ta' għajnuna mill-Istat.**

5) **Il-Komunikazzjoni dwar il-banek għandha tiġi interpretata fis-sens li l-miżuri ta' konverżjoni jew ta' tnaqqis fil-valur tal-kapital ibridu u tad-dejn subordinat, kif previsti fil-punt 44 ta' din il-komunikazzjoni, ma għandhomx imorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġi indirizzat in-nuqqas ta' kapital tal-bank ikkonċernat.**

6) **Is-seba' inċiż tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' April 2001, fuq ir-riorganizzazzjoni u l-istralċ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu, għandu jiġi interpretat fis-sens li jaqgħu taħt il-kunċett ta' "miżuri ta' riorganizzazzjoni", fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, il-miżuri ta' qsim tal-piżijiet kif previsti fil-punti 40 sa 46 tal-Komunikazzjoni dwar il-banek.**

Firem